MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 116/2005

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta’ Novembru 2000 (Dok A).

Peress illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba adulterju, sevizzi u ngurji gravi kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibilita’ ta’ karattru.

Peress illi miz-zwieg twieled tifel (recte: tifla) bl-isem ta’ D li ghandha tlitt snin (3) skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok B.

Peress illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Dok C).

Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Takkorda lill-attrici il-kura u l-kustodja tat-tifel (recte: tifla) minuri D B.

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghat-tifel taghha minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba’ talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’ kaz ta’ bzonn.

7. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-proprjeta’ kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

8. Tiddikjara illi l-fond <<< indirizz >>> huwa proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel lii jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Novembru 2000, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li ghadha minorenni. Irrizulta nkontestat li l-piz kollu ta' dan iz-zwieg refghatu l-attrici li kienet tahdem b' impieg regolari li bih kienet tmantni lill-familja taghha nkluz lill-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut, ghalkemm kellu opportunitajiet ta' impieg, huwa baqa' ma jahdimx. L-attrici tghid: "C qatt ma pprova jsib impieg iehor pero' ipprefera joqghod komdu d-dar jitghazzen u jahli l-hin fuq l-internet u jtella' l-kontijiet". Tghid ukoll: "Sadanittant bqajt inhallas kollox jien. Kont inhallas il-bzonnijiet kollha tat-tifla, bhal tobba, medicii u skola … Spiccajt f' sitwazzjoni fejn kont responsabbli ghall-hlas tal-loans u kont qed inhallashom wahdi mis-salarju tieghu liema salarju kellu jservi biex nghix bih."[fol.55]. Tghid li huwa qatt ma hallas il-manteniment ordnat bid-digriet tas-Sekond' Awla.

Il-Qorti f' dan il-kwadru tal-fatt tirravvizi mohqirja da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu fit-termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap. 255; ghax il-fatt li wiehed mill-konjugi jabbanduna r-responsabbilitajiet tieghu fiz-zwieg u jhalli lil konjugi l-iehor jfendi ghar-rasu u jera' l-piz kollu, kemm materjali kief ukoll finanzjarju, fiz-zwieg, filwaqt li hu ma jaghmilx sforz serju biex isib impieg jew jaghmel xoghol bi qligh biex jerfga' sehmu mill-piz finanzjarju tal-familja, u

lanqas jiehu hsieb, almenu li jikkura t-tifla, filwqat li l-omm tmur tahdem, mhu xejn aktar hlief abbuz mill-posizzjoni tieghu li jwassal ghal mohrija da parti l-ohra, partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn din is-sitwazzjoni tirrisali mill-bidu taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha, stante wkoll li jidher li z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi rigward il-konsistenza tal-kommunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti taghmel referenza ghan-nota guramentata ta' l-attrici a fols. 61 sa 63 tal-process, minn fejn jirrizulta l-attiv u l-passiv tal-kommunjoni.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikdjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

[2] takkorda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attrici; bid-dritt ta' access ghal missier gurnata fil-weekend;

[3] tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici retta alimentarja, bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ghal-minuri D, pagabbli kull erba gimghat bil-quddiem permezz ta' cheque mibghut fir-residenza ta' l-attrici, fl-ammont ta' tmenin lira maltin [Lm80]; fil-kaz li l-konvenut ikun jahdem f' impjieg, din ir-retta alimentarja ghandha tinqata' direttament mill-salarju mensili tieghu;

[4] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-paragrafi [a][b] u [d] tas-sub inciz [1] ta' l-Artikolu 48;

[5] ixxolji u tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti billi:

[a] tassenja lill-attrici l-vettura Fiat Brava; u l- kamra tas-sodda ezistenti fid-dar konjugali; filwaqt li tibqa' responsabbli ghal nofs id-dejn ta' Lm4,237 pagabbli lill-genituri taghha, u ghalhekk sas-somma ta' Lm2,118.50 oltre l-imghaxijiet fuq l-istess;

[b] tassenja lill-konvenut il-vettura Suzuki Vitara u l-computer, li fil-prezent qeghdin fil-pussess tieghu; u tordnalu jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm300 sehemha mill-computer u s-somma ta’ Lm215 sehemha mir-rifuzjoni tat-taxxa mhallasa mill-attrici,

Il-konvenut jibqa’ responsabbli ghad-dejn li l-komunjoni ghandha mal-genituri materni sas-somma ta’ Lm2,118.50 oltre l-imghaxijiet fuq l-istess;
[6] tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana biex tircevi l-att pubbliku opportun fi zmien xahrejn, fl-edifizju tal-Qorti, fil-gurnata u hin fissati minnha; u tinnomina lil Dottoressa Sandra Sladden biex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[7] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numru sebgha [7] u numru tmienja [8] stante li ma ngiebux provi f’ dan ir-rigward;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, hlief dawk relattivi ghat-talba sitta li ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali, u dawk relattivi ghat-talbiet numri sebgha u tmienja li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------